Saint Elias College

18, Misraħ Santa Venera, Santa Venera, SVR 1681, Malta

Tel. 2148 4121 • Fax & Tel. 2148 3146 • V.A.T. Reg. No. MT 12915036

URL: www.stelias.edu.mt • E-mail: rector@stelias.edu.mt

Skola Sekondarja mmexxija mill-Karmelitani

Ċirkulari Frar 2010

## ĊELEBRAZZJONI TAL-MILIED

Din is-sena varjajna xi ftit iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied. Bil-biża' tax-xita qbadna l-*coaches* u morna l-knisja parrokjali ta' Ħad-Dingli. Hemmhekk sibna jistenniena lill-Kappillan, Fr Norman Zammit, eks-student tal-Kulleġġ. Mexxa l-Quddiesa tal-Milied Fr Jürgen Cucciardi, id-Direttur Spiritwali tal-Kulleġġ u kkonċelebra miegħu Fr Charles, ir-Rettur. Ħadu ħsieb il-kant u l-mużika, is-Sinjuri, Carmen Pace Bezzina, Raymond Azzopardi, Therese Scerri u Karl Cassar. Qraw waqt il-quddiesa dawn l-istudenti: Andrea Abela, Terence Gatt, Josef Borg, Luke Gatt, Christopher Lauri, Ryan D'Amato, Tristan Carter, Karl Farrugia, Jeremy Bugeja u David Vella.



Wara l-Quddiesa ħadna ritratt flimkien fuq iz-zuntier, u bil-biża' li jinfetħu bibien is-sema u jinżel dilluvju ta' xita, qbadna t-triq għad-Dar tal-Lunzjata. Wara mixja sabiħa fil-kampanja wasalna għand il-Karmelitani fejn, grazzi għall-ħidma bieżla ta' Giovanni u tant oħrajn, sibna x'nieklu u x'nixorbu u ftit mistrieħ u kenn. Malajr imtlejna bl-enerġija u min ħareġ jilgħab barra, min bil-play station u min *juggling*.





## *LIVE-INS, LIVE-INS U LIVE-INS*

L-ewwel l-*Live-In* għal din is-sena skolastika kien tal-Forms 5 bejn it-23 u l-25 t'Ottubru. Attendew għal-live-in xi eks-studenti tal-Kulleġġ li jinsabu fis-6th Form. Fl-istess *weekend*, studenti tar-Raba' sena ħadu sehem *f'weekend workshop* organizzat mill-Caritas, Żgħażagħ fit-Tmun.

It-tieni Live-In kien għall-istudenti tar-Raba' sena bejn il-11 u t-13 ta' Diċembru. It-tielet Live-In kien għall-istudenti tal-Ewwel sena bejn it-18 u l-20 ta' Diċembru. Bejn il-15 u s-17 ta' Jannar sar ir-raba' live-in, din id-darba għall-istudenti tal-Form 2.

## ĊERTIFIKAT TAT-TMIEM TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

Fl-14 ta' Ottubru 2010 ir-Rettur, Fr Charles Mallia, attenda għat-tnedija taċ-ċertifikat ta' tmiem l-edukazzjoni sekondarja. Dan iċ-ċertifkat se jibda jingħata lil kull student li jispiċċa l-Form 5. Fih ikun hemm rekord mhux biss tal-marki li jkun ġab matul il-ħames snin imma wkoll tal-attivitajiet li jkun ħa sehem fihom u tal-attendenza. Dan iċ-ċertifikat se joħroġ mid-Direttorat tal-Eduakzzjoni għall-Istandards u l-Kwalità.

## KORS DWAR L-EDUKAZZJONI INKLUSSIVA

Is-Sur Joseph Pace, assistent kap, attenda għall-kors ta' ħames nofs ta' nhari bejn it-22 t'Ottubru u t-12 ta' Novembru. Dan il-kors qasir organizzat mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni, kien għall-amministraturi tal-iskejjel.

## ĦARĠIET EDUKATTIVI

Nhar il-Ħamis, 22 ta' Ottubru saru l-ħarġiet tradizzjonali tal-ewwel term. Il-Form 1 marru Għawdex u filgħodu żaru ċ-Cittadella u wara nofsinhar it-Tempju tal-Ġgantija. Il-Form 2 marru s-Siġġiewi, il-*Limestone Heritage* fejn raw kif kien isir ix-xogħol tal-ġebel u l-bini. Wara żaru l-*Malta Falconery* fejn raw spettaklu mill-isqra. Il-Form 3 marru l-Belt Valletta fejn żaru l-War Museum u s-Saluting Battery. Huma attendew ukoll għad-dokumentarju *Malta Experience*. L-istudenti tar-Raba' sena marru ċ-ċentru tar-restawar ta' Bighi u l-Forti Rinella.

L-istudenti tal-Ħames sena baqgħu l-Kulleġġ fejn kellhom laqgħat ta' orjentazzjoni dwar l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (I.T.S.), l-iskola Sekondarja Ogħla, il-*Junior College* u l-MCAST.

## *GIFTED AND TALENTED MATHEMATICS ACTIVITY*

Fit-23 ta' Ottubru, Samuel Bugeja, Sheldon Camilleri u Matthew Camilleri, studenti tar-Raba' Sena attendew għall-attività dwar it-teorema ta' Pitagora fiċ-Centru Nazzjonali tal-Kurrikulu, il-Ħamrun. Din l-attività ġiet mtellgħa mid-Dipartiment tal-Immaniġjar tal-Kurrikulu u *eLearning* u ġiet ippreżentata mis-Sur Joseph Mamo.

## *AGĦMILLU KARTA* u DAR L-EWROPA

Id-Drama Unit organizzat teatru edukattiv dwar l-inġustizzji li jsiru mal-anzjani. Nhar it-Tlieta 27 t'Ottubru pparteċipaw f'din l-esperjenza edukattiva l-istudenti tal-Form 1A, 2A u 2B. L-istudenti tal-Form 1B ħadu sehem f'din l-esperjenza nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru. Dakinhar huma żaru wkoll Dar l-Ewropa.

## KORS DWAR IT-TAGĦLIM TAR-RELIĠJON

Is-sur Raymond Azzopardi, għalliem tar-Reliġjon fil-Ħames sena qed jipparteċipa f'kors dwar it-tagħlim tar-Reliġjon organizzat mis-Segretarjat tal-Kateketika. Dan il-kors huwa ta' 8 laqgħat mifruxa matul is-sena skolastika.

## *APCCS TALENT SHOW*

Waqt it-*talent show* tal-APCCS, il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru, il-grupp, *Crash Dummies*, magħmul minn Clayton Gomez Blanco fuq id-drums, Reuben Testa u Jacob Spiteri, kitarristi, Luke Bezzina *keyboard* u l-kantant Claude Ebejer ippreżentaw b'mod tant interessanti u oriġinali tliet kanzunetti. Huma kellhom is-sapport tas-Sur Raymond Azzopardi, Fr Daniel Galea u Dylan David Buhagiar.




Għal dan it-*talent show* kien hemm preżenti xi studenti u ġenituri mill-Kulleġġ tagħna u pparteċipaw diversi studenti mill-iskejjel tal-Knisja. Fetaħ is-serata Fr Charles Mallia, ir-Rettur tal-Kulleġġ u segretarju tal-*Private Schools Association*, b'diskors li fakkar il-ħidma tal-APCCS.

L-APCCS hija l-għaqda tal-ġenituri tal-iskejjel tal-Knisja u bħala president għandha lis-Sinjura Doreen Camilleri, omm Timothy Camilleri, student tal-Ħames sena tal-Kulleġġ tagħna. Matul din is-sena l-APCCS saret membru tal-*European Parents Association*, għaqda tal-ġenituri ewropej u s-Sinjura Camilleri ġiet magħżula segretarja ta' din l-assoċjazzjoni.

## QUDDIES TA' NOVEMBRU

Fil-bidu ta' Novembru, minħabba l-influwenza AH1N1 ma saritx il-quddiesa għall-mejtin ilkoll flimkien. Minnflok għamilna quddiesa għal kull Form. Dik tal-Form 5 saret fid-9 ta' Novembru, tal-Form 2 saret fl-10 ta' Novembru, tal-Form 1 saret fil-11 ta' Novembru u dik tal-Form 3 fit-18 ta' Novembru.

## IR-RIFORMA FIL-MIXJA MILL-PRIMARJA GĦAS-SEKONDARJA

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Novembru, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Dolores Cristina, nediet ir-riforma fit-transizzjoni mill-primarja għas-sekondarja. Mis-sena 2011 'il quddiem id-dħul fis-sekondarja mhux se jibqa' jsir permezz ta' xi eżami. Ir-Rettur P. Charles Mallia, kien preżenti, bħala wieħed minn dawk li kitbu r-rapport dwar din il-bidla.

Huwa ħa sehem ukoll fil-konferenza stampa li saret nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar fejn ġew imħabbrin l-iżviluppi li se jagħmlu l-iskejjel tal-Knisja minħabba din ir-riforma.

## ĦARĠIET U ĦARĠIET

Fit-28 ta' Novembru u fis-7 ta' Diċembru filgħaxija saret Quddiesa u ħarġa għall-istudenti tar-Raba', il-Ħames u s-Sitt sena.

Fit-8 ta' Diċembru u fit-13 ta' Frar, studenti tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet sena marru hike ma' Fr Jürgen u Fr Daniel.

Nhar is-Sibt 30 ta' Jannar filgħaxija saret Quddiesa u ħarġa għall-istudenti tar-Raba' sena.

## LAQGĦAT TAL-ĠENITURI

Matul ix-xahar ta' Novembru saru laqgħat għall-ġenituri Form, Form. Dawn il-laqgħat kienu mmexxija mis-Sur Joseph Pace, l-Assistent Kap tal-Kulleġġ peress li r-Rettur kien għadu qed jirkupra mill-operazzjoni li kellu fl-1 ta' Novembru. F'kull laqgħa s-Sur Pace ta informazzjoni ta' x'kien qed jiġri fil-Kulleġġ.

L-ewwel laqgħa saret fl-4 ta' Novembru u kienet għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ħames Sena. Ġew mgħarrfa kif qed imorru l-istudenti tagħna fl-eżamijiet taċ-ĊES (SEC) u tal-*O levels* u x'opportunitajiet hemm wara t-tmiem tal-Form 5. Is-Sur Albert Debono, mill-*University Student Advisory Services* tkellem dwar l-*Junior College* u l-korsijiet fl-Università.

It-tieni laqgħa kienet għall-ġenituri tal-istudenti tar-Raba' sena u saret fil-25 ta' Novembru. Is-Sinjura Rita Cortis, *Prevention Executive,* fis-Sedqa, tkellmet dwar il-problemi tal-abbuż tad-drogi u l-alkoħol.

It-tielet laqgħa kienet għall-ġenituri tal-istudenti tat-Tieni sena u saret fis-26 ta' Novembru. Is-sinjura Ruth Falzon, *Specialist in Learning Disability*, tkellmet dwar kundizzjonijiet li joħolqu diffikultà għat-tagħlim.

Ir-raba' laqgħa kienet għall-ġenituri tal-istudenti tat-Tielet sena u saret fit-30 ta' Novembru. Is-Sinjura Jenny Zammit, *Counsellor Family Therapist*, tkellmet dwar kif nistgħu nsaħħu l-fiduċja f'uliedna.

Il-ħames laqgħa kienet għall-ġenituri tal-istudenti tal-Ewwel sena u saret fl-1 ta' Diċembru. Tkellmet dwar l-epilessija u x'għandek tagħmel jekk xi ħadd ikollu *seizure*, Dr. Janet Mifsud.

## MIET PATRI RENATO VALENTE

Nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru 2009 miet P. Renat Valente. Il-funeral sar it-Tnejn, 30 ta' Novembru fis-Santwarju Bażilika tal-Karmnu, l-Belt Valletta. Patri Renat kien *Rettur tal-Kulleġġ bejn is-snin 1970 u 1982.*

Fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Rettur infetaħ il-Kulleġġ f'Misraħ Santa Venera u 4 snin wara nbena t-tieni sular. Patri Renat ħadem ħafna biex il-Kulleġġ jimxi 'l quddiem u kienu impressjonanti l-kunċerti li kienu jittellgħu sena wara l-oħra fi żmien il-Milied.

## DATABASE KOMUNI

Nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru ir-Rettur, P. Charles Mallia attenda laqgħa għall-kapijiet tal-iskejjel tal-Knisja dwar il-possibilità ta' database komuni bejn l-iskejjel tal-Knisja u l-iskejjel tal-Istat.

## CHRISTIAN AZZOPARDI - L-EWWEL POST

Kull sena, is-Sur Lino Sultana, l-għalliem tal-Arti jieħu ħsieb sabiex studenti tal-Form 1 u Form 2 jieħdu sehem fil-kompetizzjoni internazzjonali *Premio Piccoli Artisti Del Natale.* Din il-kompetizzjoni hija organizzata mil-patrijiet Tereżjani li jieħdu ħsieb is-Santwarju ta' Ġesù Bambin, f'Genova, l-Italja. Din kienet it-43 edizzjoni ta' din il-kompetizzjoni u ħadu sehem aktar minn 7,000 student minn pajjiżi differenti, bħall-Ġapun, ir-Russja, Israel, Malta, Franza, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, u l-Italja**.**

Mill-Kulleġġ San Elija din is-sena ħadu sehem dawn l-istudenti:

| | | |
|---|---|---|
| Ryan Abela | Eddmar Diacono | Isaak Mifsud |
| Christian Apap | Alexander Ellul | Jean Luc Muscat |
| Christian Azzopardi | Gabriel Falzon Reale | Massimo Saliba |
| Stephen Azzopardi | Darryl Farr | Joseph Sammut |
| Ayrton Bonello | Brian Farrugia | Jurgen Sammut |
| Matteo Busuttil | Mikhail Galea | Mark Sciberras |
| Emanuele Camilleri | Darren Grech | Samuel Sciberras |
| Matthew Camilleri | Christopher Johnson | Joscelyn Sims |
| Reuben Casha | Jeremy Lee | Shaun Sinagra |
| Alberto Cassar | Bjorn Micallef | David Vella |
| Andrea Cassar | Brandon Micallef | Lydon Xerri |
| Kurt Craus | Jonathan Micallef | Emerson Zammit |
| Ryan D'Amato | Bradley Mifsud | |

It-tpinġijiet ta' dawn l-istudenti intagħżlu sabiex jidhru fl-esibizzjoni:

| | | |
|---|---|---|
| Ryan Abela | Emanuele Camilleri | Jonathan Micallef |
| Christian Azzopardi | Ryan D'Amato | Massimo Saliba |

Christian Azzopardi rebaħ l-ewwel post fost it-tpinġijiet kollha li ħadu sehem. Prosit tassew lil Christian.

Tistgħu taraw it-tpinġijiet li rebħu u aktar informazzjoni fuq il-websajt tal-kompetizzjoni: www.gesubambino.org/Santuario/artisti/index.html

## JUM IL-ĠENITURI

Wara li matul Novembru saru t-testijiet tal-ewwel term, fis-17 u t-18 ta' Diċembru kien imiss lill-ġenituri jiġu sal-Kulleġġ sabiex jaraw kif sejrin uliedhom.

## IL-KARUS TAL-ISTRINA

F'Diċembru f'kull klassi tqiegħed karus tal-istrina. Kulħadd kien mistieden jitfa' xi ħaġa għal ħutna Maltin u Għawdxin fil-bżonn. Inġabret is-somma ta' €78.21 li ngħatat lill-*Malta Community Chest Fund*.

## DAR SANTA RITA

Qabel il-vaganzi tal-Milied għamilna kaxxa kbira fejn kulħadd setgħa jġib xi affarijiet tal-ikel għat-tfal li jinsabu fid-Dar Santa Rita f'Ħal Tarxien. Fr Daniel ħa ħsieb jieħu l-ikel kollu li intom b'tant ġenerożità poġġejtu fil-kaxxa. Is-sorijiet Orsolini f'isem it-tfal qalulkom grazzi kbira u wegħdukom it-talb tagħhom. Grazzi.

## RENDIKONT TAD-DĦUL GĦALL-ISTUDENTI BOLIVJANI

| | |
|---|---:|
| Ġabra fil-gurnata missjunarja: | € 376.22 |
| Dħul mil-lotteriji: | € 247.50 |
| Donazzjonijiet minn xi ġenituri: | € 105.00 |
| Karus fll-canteen u fl-uffiċċju ta' Giovanni: | € 16.51 |
| Qligħ mill-bejgħ tal-pasturi | € 30.50 |
| Dħul mill-ħarġa tal-Milied | € 91.00 |
| Total | € 866.73 |

## LOTTERIJI TAL-MILIED

L-entużjażmu u l-ġenerożità ta' żewġ studenti wasslet għall-organizzazzjoni ta' żewġ lotteriji b'risq l-istudenti tal-Parroċċa Villa Fatima li qiegħda f'La Paz, il-Bolivja. Jonathan Micallef tal-Form 2A għamel presepju kbir u sabiħ u ħajjar diversi nies sabiex jixtru biljetti tal-lotterija. Dan il-presepju ntrebaħ minn Christian Azzopardi tal-Form 1A bil-biljett blu numru 143.

Fuq l-eżempju ta' Jonathan, Juan Farrugia tal-Form 2A wkoll, organizza lotterija ta' *hamper* sabiħ tal-Milied, ġentilment mogħti mill-ħanut tal-mamà tiegħu. Dan il-hamper intrebaħ minn Gabriel Borg tal-Form 3B bil-biljett isfar bin-numru 130.





## TESTIJIET INTERNAZZJONALI

Studenti tal-Ħames sena ħadu sehem fit-test internazzjonali dwar it-tagħlim tal-lingwi tal-Ingliż u t-Taljan.

## *ANESTESJA, SATIRA, ĊENS PERPETWU, IĠSMA IĦIRSA*

Id-*Drama Unit* ippreżentat siltiet mid-dramm ta' Oreste Calleja, *Anestesja, Satira, Ċens Perpetwu, Iġsma Iħirsa.* Attendew għal din il-preżentazzjoni l-istudenti tal-Form 4 nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar.

## *LIFE FORCE INTERNATIONAL*

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar l-istudenti tal-Form 5 kellhom laqgħa nteressanti ma' grupp ta' żgħażagħ Ingliżi li jiffurmaw il-grupp *Life Force International*. Huma ddiskutew problemi bħal abbuż tad-droga u l-alkoħol, u l-vjolenza.

## EŻERĊIZZI TAR-RANDAN

L-eżercizzi tar-Randan tal-Form 1 se jagħmilhom Fr Maurice Abela, Karmelitan. Fr Maurice huwa l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Balluta u qabel ma sar Kappillan kien Direttur Spiritwali l-Kulleġġ u kien jgħallem ir-Reliġjon. Dawn l-eżerċizzi se jkunu bejn it-23 u l-25 ta' Frar.

Dun Josef Mifsud se jagħmel l-eżerċizzi tal-Form 2 bejn it-2 u l-4 ta' Marzu.

Fil-5 ta' Marzu se norganizzaw attività għall-istudenti tal-Ħames sena.

Fit-8 ta' Marzu se norganizzaw attività għall-istudenti tar-Raba' sena fil-Millennium Chapel f'Paceville.

L-eżerċizzi tar-Randan tal-Form 3 se jagħmilhom Dun Michael Bellizzi bejn is-16 u 18 ta' Marzu.

## KUNGRESS TAL-ISKEJJEL KARMELITANI

Il-Karmelitani li huma mxerrda madwar id-dinja jmexxu diversi skejjel. Din is-sena, Terenure College, f'Dublin l-Irlanda, jagħlaq 150 sena. Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan l-anniversarju, se jsir Kungress tal-Iskejjel Karmelitani bejn it-8 u 13 t'April 2010. Se jieħdu sehem mill-Kulleġġ tagħna, ir-Rettur, Fr Charles Mallia, l-Assistent Kap, is-Sur Joseph Pace u d-Direttur Spiritwali, Fr Jürgen Cucciardi.

## SPORTS DAY

Minħabba xi xogħol / attivitajiet li se jkun hemm fil-Matthew Micallef St Johns ground fil-Marsa, kellna nbiddlu d-data tal-i*sports day* għall-Ġimgħa 16 ta' April 2010.

## OPEN DAY - IL-ĦADD, 25 T'APRIL

L-*Open Day* hija ġurnata oħra ta' skola li fiha l-istudenti jkollhom l-opportunità jiltaqgħu, jitkellmu u jispjegaw aspetti differenti tal-esperjenza tagħhom fil-Kulleġġ lil dawk li jiġu jżuru l-Kulleġġ. Għal din l-okkażjoni nistiednu lill-familja kollha tal-istudenti li se joqogħdu għall-*Common Entrance Exam* u mijiet minnhom jiġu jżuru l-Kulleġġ. Huwa importanti li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu. L-Open Day tkun bejn it-3:00 u s-6:30 ta' filgħaxija.

## BEATU KARMELITAN ĠDID - ANGELO PAOLI



Is-saċerdot Karmelitan Angelo Paoli se jiġi beatifkat nhar il-Ħadd 25 t'April 2010. Fuq talba tas-superjuri tiegħu, Patri Angelo Paoli biddel kemm-il darba l-kunvent fejn kien jgħix. Huwa baqa' mfakkar għall-karità li kien jagħmel mal-foqra u l-morda. F'Ruma bena dar fejn il-morda wara li joħorġu mill-isptar u kienu jkunu għadhom batuti u qed ifiqu, setgħu joqogħdu.

Bil-permess tal-Papa huwa ħa ħsieb il-Kolossew. Għalaq il-ħafna daħliet li kien hemm għal ġo fih, waqaf salib b'tifkira tal-martri u beda jorganizza *Via Crucis* fil-Kolossew, tradizzjoni li l-Papa Ġwanni Pawlu II reġa' beda ftit tas-snin ilu.

Aktar informazzjoni tinsab fuq il-websajt www.ocarm.org taħt *Prominent Carmelites, u* fittex Angelo Paoli, jew fis-sezzjoni *Personaġġi* tal-website tal-Karmelitani f'Malta www.karmelitanimalta.org. Fuq *youtube* tista' tfittex Angelo Paoli u ssib dokumentarju fuqu.

## ŻJARA LILL-QRATI TA' MALTA

Fis-7 ta' Mejju, l-istudenti tar-Raba' Sena se jżuru il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Belt Valletta.

## ŻJARA L-PARLAMENT, FIL-PALAZZ U L-ARMERIJA TAL-PALAZZ

Ilqajna stedina sabiex l-istudenti tar-Raba Sena jżuru l-Parlament, il-Palazz u l-Armerija tal-Palazz fit-13 ta' April.

## KALENDARJU FUQ IL-WEBSAJT

Infakkru li fuq il-websajt tal-Kulleġġ hemm kalendarju elettroniku li qed naġġornawh b'mod regolari. Hekk kif tiġi organizzata xi attività, qed inizżluha f'dan il-kalendarju. Tistgħu tidħlu fih billi tikklikkjaw fuq l-ikona Saint Elias College *Calendar*. L-indirizz tal-websajt huwa: www.stelias.edu.mt.